A.L. 76 ta' l-1988

ORDINANZA DWAR IT-THARIS MILL-MARD (KAP. 36)

Regolamenti ta' l-1988 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tharis mill-Mard (Kumpens ghall-Annimali Maqtula)

BIS-SAHHA tas-setghat moghtija bl-artikolu 77 u bil-paragrafu (n) ta' l-artikolu 87 ta' l-Ordinanza dwar it-Tharis mill-Mard, il-Ministru ghall-Izvilupp tal-Produzzjoni, bil-parir tal-Kunsill tas-Sahha, u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, ghamel ir-regolamenti li gejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistghu jissejhu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tharis mill-Mard (Kumpens ghall-Annimali Maqtula), u ghandhom jinqraw u jiftehmu hafa wahda mar-Regolamenti ta' l-1961 dwat it-Tharis mill-Mard (Kumpens ghall-Annimali Maqtula), hawnhekk izjed 'il quddiem imsejha "ir-regolamenti principali".

A.L. 29 ta' l-1961.

Jemenda l-paragrafu 2 ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti principali.

2. Fil-paragrafu 2 ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti principali, minflok il-kliem "baqra tal-halib" ghandhom jidhlu l-kliem "baqra tal-halib jew ghoġla tqila".

Jemenda l-paragrafu 3 ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti principali.

3. Fil-paragrafu 3 ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti principali, minflok il-kliem "ta' baqra tal-halib" ghandhom jidhlu l-kliem "ta' baqra tal-halib jew ta' ghoġla tqila".

Jemenda l-paragrafu 4 ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti principali.

4. Fil-paragrafu 4 ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti principali, —

(a) minflok il-kliem "baqra tal-halib" ghandhom jidhlu l-kliem "baqra tal-halib jew ghoġla tqila", u

(b) minflok il-kliem "dik il-baqra" kull fejn jinsabu ghandhom jidhlu f'kull każ il-kliem "dik il-baqra jew ghoġla tqila".